MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 722/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)

vs

Martin Delia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 826356(M) akkuzat talli fit-13 ta' Lulju 2002 u f'dati precedenti gewwa San Giljan u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

i. iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati u cioe' biljetti tal-flus Maltin, liema biljetti tal-flus kien jaf li huma falsifikati - dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-ligijiet ta' Malta.

ii. Fl-istess cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew irceva minghand xi persuna jew kellhu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu iffalsifikati – dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom iddecida li jibghat lill-imputat quddiem din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali biex jigi deciz il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat ghall-akkuzi skond l-artikoli citati mill-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha". Hekk jistqarr l-Artikolu 661 tal-Kap 9.
Illi dan qed jinghad billi fil-kawza kontra l-odjern imputat jirrisulta li l-proceduri ittiehdu wara stqarrija li kien ghamel terz, mhux akkuzat f'din il-kawza, li involva lill-imputat.

Illi l-kawza tittratta flus foloz, li f'dawn il-proceduri kienet tirrigwarda karta falza ta' Lm10, li jidher kienet inghatat minn terz, sussegwentement lill-persuna ta' nazjonalita' Germaniza, li wara rapport li kien ghamel u bl-assistenza tal-pulizija, kien identifika din it-terza persuna li ghaddietlu Lm10. Meta interrogat kienet involviet lill-imputat.

Issa f'din il-kawza hemm nuqqas totali ta' provi kontra l-imputat.

In vista ta' dan din il-Qorti necessarjament ghandha tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------